



Ġabra tal-ġurisprudenza

(Kawża C-381/16)

Salvador Benjumea Bravo de Laguna
vs
Esteban Torras Ferrazzuolo

(talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mit-Tribunal Supremo)

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (KE) Nru 207/2009 – Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 16 – Trade marks bħala oġġetti ta’ proprjetà – Meta trade marks tal-Unjoni Ewropea għandhom jitqiesu bħala trade marks nazzjonali – Artikolu 18 – Trasferiment ta’ trade mark irregestrata f’isem aġent jew tar-rappreżentant tal-proprjetarju tat-trade mark – Dispożizzjoni nazzjonali li tagħti l-possibbiltà li titressaq azzjoni rivendikatorja fir-rigward tal-proprjetà ta’ trade mark nazzjonali rreġistrata peress li tikkawża preġudizzju lid-drittijiet tal-proprjetarju jew bi ksur ta’ obbligu legali jew kuntrattwali – Kompatibbiltà mar-Regolament Nru 207/2009”

Sommarju Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-23 ta’ Mejju 2017

1. *Domandi preliminari – Talba mressqa lill-Qorti tal-Ġustizzja – Konformità tad-deċiżjoni tar-rinviju mar-regoli ta’ organizzazzjoni u tal-proċedura ġudizzjarja tad-dritt nazzjonali – Verifika li ma taqax fuq il-Qorti tal-Ġustizzja*

(Artikolu 267 TFUE)

2. *Domandi preliminari – Talba mressqa lill-Qorti tal-Ġustizzja – Kwistjonijiet ta’ interpretazzjoni – Obbligu ta’ rinviju – Portata*

(It-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE)

3. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea bħala oġġett ta’ proprjetà – Meta trade marks tal-Unjoni Ewropea għandhom jitqiesu bħala trade marks nazzjonali – Applikazzjoni tad-dispożizzjoni nazzjonali li jagħtu l-possibbiltà li tiġi eżerċitata azzjoni rivendikatorja ta’ proprjetà ta’ trade mark nazzjonali rreġistrata b’tali mod li jippreġudikaw id-drittijiet tal-proprjetarju jew bi ksur ta’ obbligu legali jew kuntrattwali – Ammissibbiltà – Kundizzjonijiet – Sitwazzjoni ma taqax taħt l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 207/2009*

(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikoli 16 u 18)

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara 1-punt 26)

2. Ara t-test tad-deċiżjoni.

MT

(ara l-punt 29)

3. L-Artikoli 16 u 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar [it-trade mark tal-Unjoni Ewropea], għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux l-applikazzjoni, fir-rigward ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea, ta' dispożizzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, skont liema persuna aggravata, mir-reġistrazzjoni ta' trade mark li għaliha saret applikazzjoni peress li tikkawża preġudizzju għad-drittijiet tagħha jew tikser obbligu legali jew kuntrattwali, għandha dritt tirrivendika l-proprietà tal-imsemmija trade mark, sakemm is-sitwazzjoni kkonċernata ma taqax f'dawk koperti mill-Artikolu 18 ta' dan ir-regolament.

(ara l-punt 38 u d-dispożittiv)